MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2014

Avviz Numru. 295/2014

Rikors Numru 295/14 FDP

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru 1600/14 fl-ismijiet

**Darren Falzon**
**(ID 146179M)**

**vs**

**Trebee Company Limited**
**(C 45988)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tas-socjeta Trebee Company Limited ippresentat fis 26 ta' Awissu 2014 fejn l-istess socjeta intimata ghamlet referenza ghall-Mandat ta' Sekwestru ippresentat fil 25 ta' Lulju 2014 u talbet ir-revoka ta' l-istess.

Is-socjeta rikorrenti, fir-rikors promotur taghha, tghid illi l-Mandat ta' ghas-somma ta' hdax-il elf, tmien mija u sitta u erbghin Euro (€11,846) u ghalhekk jeccedi l-kompetenza ta' dina l-Qorti filwaqt illi sahqet illi l-proceduri mehudha kienu intempestivi stante li c-cherry picker meritu tal-kawza odjerna kien ghadu ma giex ikkonsenjat.

Is-socjeta rikorrenti, ghalhekk, talbet is-segwenti:

1. Jithassar u jigi revokat l-mandat kawtelatorju ai termini ta' l-artikolu 836 (1) (d) u 836 (1) (f);
2. Tordna lill-intimat ihallas penali ai fini ta' l-Artikolu 836 (8) (c);
3. Tiddikjara lill-intimat responsabbli ghad-danni sofferti
4. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent u
5. Tikkundanna lill-intimat ihallas tali danni.

Rat illi fit 2 ta' Settembru 2014 il-Qorti ordnat in-notifika ta' l-atti lill kntro parti b'gimgha zmien ghar-risposta u appuntat il-kaz ghas-smiegh ghad 29 ta' Settembru 2014.

Rat illi fid 29 ta' Settembru 2014 ma deher hadd u il-kaz gie differit ghad-decizjoni.

Rat illi fit 3 ta' Ottubru 2014, il-Qorti giet infurmata illi n-konnessjoni mar-rikors odjern kien hemm ukoll proceduri bejn il-partijiet u ghalhekk intalbet li l-partijiet jittrattaw ir-rikors fis-seduta meta tinstema il-kawza bejn il-partijiet quddiem dina l-Qorti, Rikors Nru 253/14 FDP.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fit 13 ta' Novembru 2014, wara liema trattazzjoni il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi bejn il-partijiet hemm pendenza dwar xiri ta' cherry picker tas-socjeta rikorrenti minghand l-intimat.

Jirrizulta illi ghalkemm il-pendenza giet ridotta mis-somma ta' €11,846 ghas-somma ta' €11,646 ai fini tal-Ligi fil-proceduri bejn il-partijiet, il-Mandat ta' Sekwestru odjern ma giex hekk ridott u ghalhekk inhareg minn Qorti li ma kienetx kompetenti sabiex tohrog tali Mandat, stante illi jezorbita il-kompetenza *rationae materiae* ta' l-istess Qorti.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju 1600/14 u

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi r-rikors billi

**Tilqa** t-talba attrici u ghalhekk

**Thassar** u tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju 1600/14 filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet sussegwenti stante illi hemm proceduri bejn il-partijiet fl-istess ismijiet, Rikors Nru 253/14 FDP.

Spejjez tal-proceduri odjerni kif ukoll tal-Kontro Mandat li jenhtieg jinhareg wara t-thassir tal-Mandat ta' Sekwestru odjern, ikunu lkoll a kariku ta' l-intimat Darren Falzon.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------